

Brussell, 20 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13048/21

CYBER 263
JAI 1117
TELECOM 384
CSC 362
CIS 116
RELEX 874
ENFOPOL 370
COPS 373
COSI 190
HYBRID 62
CSCI 133
POLGEN 177
DATAPROTECT 244

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Ottubru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12534/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-inizjattiva Ċiberunità Konġunta - nikkomplementaw ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Ottubru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-inizjattiva Ċiberunità Konġunta - nikkomplementaw ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Ottubru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-inizjattiva Ċiberunità
Konġunta - nikkomplementaw ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet
taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar:

- l-Istrateġija **tal-UE** dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali¹,
- ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira²,
- iċ-Ċiberdiplomazija³,
- il-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitàjiet Ċibernetiċi Malizzjużi ("Għodda tad-Diplomazija Diġitali")⁴,
- is-Sigurtà u d-Difiza⁵,
- il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiza⁶,
- it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa⁷,
- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi,

¹ 7290/21.
² 10086/18.
³ 6122/15 + COR 1.
⁴ 10474/17.
⁵ 8396/21.
⁶ 15585/14.
⁷ 8711/20.

- il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE⁸,
 - it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE⁹,
1. JENFASIZZA l-importanza ta' ċibersigurtà għall-bini ta' Ewropa reżiljenti, diġitali u ekoloġika. JISĦAQ li ċ-ċibersigurtà hija indispensabbli għall-prosperità u s-sigurtà tal-UE u l-Istati Membri tagħha, il-poplu, in-negozji u l-istituzzjonijiet tagħha, kif ukoll għall-ħarsien tal-integrità tas-soċjetajiet ħielsa u demokratiċi tagħna.
 2. JIRRIKONOXXI n-natura transfruntiera u transsettorjali ta' ħafna mit-theddiet għaċ-ċibersigurtà, u r-riskji u l-implikazzjonijiet potenzjali tal-kampanji kontinwi ta' ċiberattivitajiet malizzjużi aktar effettivi, sofistikati, immirati, kumplessi, persistenti u/jew pervażivi¹⁰. Il-pandemija tal-COVID-19 esponiet aktar il-vulnerabbiltajiet tas-soċjetajiet tagħna u l-potenzjal għal ħsara minn inċidenti ta' ċibersigurtà fuq skala kbira għall-ekonomija, id-demokrazija, is-servizzi essenzjali u l-infrastruttura kritika, b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa. Żiedet ukoll l-importanza tal-konnettività u tad-dipendenza tas-soċjetà fuq sistemi ta' networks u ta' informazzjoni affidabbli, ta' fiduċja u siguri. Fl-aħħar mill-aħħar, hija ssottolinjat il-ħtieġa ta' internet globali, miftuħ, liberu, stabbli u sigur, kif ukoll ta' fiduċja fil-prodotti, il-proċessi u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u s-sigurtà tagħhom, inkluż il-ħtieġa li tiġi żgurata katina tal-provvista reżiljenti.

⁸ 14435/17 + COR 1.

⁹ 7737/19.

¹⁰ Xenarju tat-Theddid tal-ENISA 2020.

3. ITENNI l-importanza tar-reżiljenza ċibernetika u l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas tal-UE għall-
ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà¹¹ bil-għan ta' rispons effiċjenti u f'waqtu fil-livell tal-UE
għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, u l-integrazzjoni ulterjuri tiegħu fil-
mekkaniżmi orizzontali u settorjali eżistenti ta' rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-UE.
JISĦAQ FUQ ir-rwol tal-Kunsill u l-Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku
f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) biex jiġu żgurati koordinazzjoni u rispons f'waqthom fil-
livell politiku tal-Unjoni għall-kriżijiet, kemm jekk joriġinaw ġewwa l-Unjoni kif ukoll barra
minnha, u li għandhom impatt jew sinifikat politiku wiesa'. JENFASIZZA l-importanza li tali
oqfsa u mekkaniżmi jiġu ttestjati f'eżerċizzji regolari.
4. IFAKKAR li l-attivitajiet fil-livell tal-UE fir-rigward ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà
fuq skala kbira jsiru f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, il-
komplementarjetà, in-nonduplikazzjoni, u l-kunfidenzjalità. ITENNI li l-Istati Membri
għandhom ir-responsabbiltà primarja għar-rispons għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà
fuq skala kbira li jaffettwawhom. IFAKKAR fl-importanza li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-
Istati Membri, u r-responsabbiltà unika tagħhom għas-sigurtà nazzjonali, f'konformità mal-
Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż fil-qasam taċ-ċibersigurtà.
5. IFAKKAR fl-istess ħin fl-importanza li jiġu rrispettati l-kompetenzi u l-mandati tal-
istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-
istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji l-oħra tal-UE għandhom ukoll rwol essenzjali x'jaqdu, li
jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, inkluż minħabba l-impatt possibbli ta' inċidenti u kriżijiet taċ-
ċibersigurtà fuq skala kbira fuq is-suq uniku, kif ukoll fuq il-funzjonament tal-istituzzjonijiet,
il-korpi u l-aġenziji tal-UE nfushom.

¹¹ 10086/18.

6. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u li jinstabu l-komplementarjetà u l-valur miżjud fl-iżvilupp ulterjuri tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, u li jiġi żgurat allinjament mal-mekkaniżmi, l-inizjattivi, in-networks, il-proċessi u l-proċeduri eżistenti fil-livell nazzjonali u dak Ewropew. JENFASIZZA l-importanza li jiġu ssimplifikati l-proċessi u l-istrutturi eżistenti biex titnaqqas il-komplessità, u fl-interess tal-koeżjoni fl-Unjoni biex jittejjbu l-aċċessibbiltà u r-rispons għal dawk li jfittxu assistenza u solidarjetà.
7. JAGĦRAF l-applikabbiltà tad-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti fl-intier tagħha, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċiberspazju, u JIPPROMWOVI l-aderenza għan-normi, ir-regoli u l-prinċipji volontarji u mhux vinkolanti ta' mġiba responsabbli tal-istati fiċ-ċiberspazju approvati mill-Istati Membri kollha tan-NU.
8. JILQA' l-progress miksub f'dawn l-aħħar snin fil-Kunsill, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (HWPCI) u gruppi ta' ħidma rilevanti oħra tal-Kunsill, kif ukoll fl-istabbiliment ta' inizjattivi, networks u mekkaniżmi oħra ta' kooperazzjoni u ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati Membri, b'mod partikolari l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u n-Network tas-CSIRTs, stabbiliti permezz tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016, in-Network ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (CyCLONe), kif ukoll proġetti rilevanti relatati maċ-ċiberdifiża mnedija permezz tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)¹², it-Taskforce ta' Azzjoni Konġunta kontra ċ-Ċiberkriminalità (J-CAT), in-Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN), il-kontributi volontarji tal-Istati Membri lill-INTCEN tal-UE, u l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-kuntest tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija.

¹² B'mod partikolari, it-"Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika" kkoordinati mil-Litwanja, iċ-"Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam Ċibernetiku u tal-Infommazzjoni" kkoordinat mill-Ġermanja", il-"Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Infommazzjoni dwar it-Theddid Ċibernetiku u r-Rispons għall-Inċidenti" kkoordinata mill-Greċja.

9. IFAKKAR fl-oqfsa eżistenti għall-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, bħall-kooperazzjoni strutturata bejn l-ENISA u s-CERT-UE, u l-Memorandum ta' Qbil bejn l-ENISA, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol (EC3) u s-CERT-UE. JISĦAQ FUQ l-importanza li titkompla l-kondiviżjoni regolari ta' informazzjoni mal-Kunsill dwar żviluppi ulterjuri f'dawn l-oqfsa ta' kooperazzjoni.
10. JENFASIZZA l-importanza li jissaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fost id-diversi komunitajiet ċibernetiċi fi ħdan l-UE u l-Istati Membri tagħha fil-livelli kollha meħtieġa – dak tekniku, operazzjonali u strateġiku/politiku – u li jsiru konnessjonijiet bejn il-mekkaniżmi, in-networks, l-istrutturi, il-proċessi u l-proċeduri eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet fejn dan jappoġġa u jtejjeb it-trattament ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.
11. JIRRIKONOXXI l-progress miksub minn grupp ta' Stati Membri fil-ħolqien tal-kapaċità ċibernetika operazzjonali konġunta "Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku" fil-qafas tal-PESCO li għandha l-għan li tapprofondixxi l-kooperazzjoni volontarja fil-qasam ċibernetiku permezz ta' assistenza reċiproka, inkluż b'rispons għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.
12. JIRRIKONOXXI l-esperjenza u l-kapaċità ta' reazzjoni 24/7 tal-komunità tal-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-kooperazzjoni operazzjonali u l-iskambju sigur ta' informazzjoni kontra attakki ċibernetiċi transkonfinali kbar permezz tal-Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza għall-Infurzar tal-Liġi tal-UE.

13. JAGĦRAF it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-qafas għal rispons diplomatiku konġunt tal-UE għal ċiberattivitajiet malizzjużi ("Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija"). IFAKKAR li kull Stat Membru huwa liberu li jieħu d-deċiżjoni sovrana tiegħu stess fir-rigward tal-attribuzzjoni ta' ċiberattività malizzjuża meħuda fuq bażi ta' każ b'każ. IFAKKAR li l-miżuri meħuda fil-qafas għal rispons diplomatiku konġunt tal-UE għal ċiberattivitajiet malizzjużi għandhom ikunu bbażati fuq għarfien komuni tas-sitwazzjoni maqbul fost l-Istati Membri. L-INTCEN tal-UE għandu rwol ċentrali bħala ċ-ċentru għall-provvista ta' għarfien tas-sitwazzjoni u valutazzjonijiet tat-theddid dwar kwistjonijiet ta' ċiberspazju għall-UE, abbażi ta' kontributi volontarji ta' intelligence mill-Istati Membri u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom.
14. ITENNI l-importanza tal-assistenza reċiproka u s-solidarjetà, f'konformità mal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u JAPPELLA għal aktar eżerċizzji b'dimensjoni ċibernetika. IFAKKAR fil-ħtieġ li ssir riflessjoni dwar l-artikolazzjoni bejn il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, is-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija hawn fuq f'każ ta' inċident jew kriżi taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. IFAKKAR ukoll li l-obbligi għall-Istati Membri li jirriżultaw mill-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huma mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri. IFAKKAR ukoll li n-NATO għadha l-pedament tad-difiża kollettiva għal dawk l-Istati li huma membri tagħha.
15. JIRRIKONOXXI l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża, inkluż il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn is-CERT-UE u l-Kapaċità ta' Rispons tan-NATO għal Inċidenti relatati mal-Kompjuters (NCIRC), b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' trasparenza, reċiproċità u inklużività kif ukoll l-awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet.

16. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-kooperazzjoni, fejn adatt, mas-settur privat f'termini ta' eżerċizzji ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, u l-provvista ta' għarfien espert rilevanti, kif ukoll soluzzjonijiet u servizzi fdati, inkluż pereżempju fl-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti u t-tisħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni bejn komunitajiet ċibernetiċi differenti.
17. JISĦAQ FUQ l-importanza ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u sensittiva. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' aktar progress.

F'dan ir-rigward, u b'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq,

18. JIRRIKONOXXI r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nibnu Unità Ċibernetika Konġunta, bħala inizjattiva li għandha tiġi kkunsidrata fl-iżvilupp ulterjuri tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà¹³.
19. JAPPELLA lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu bl-isforzi tagħhom lejn qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà aktar komprensiv u effettiv, filwaqt li jibnu fuq mekkaniżmi eżistenti u fuq il-progress li diġà sar, u biex iqisu l-potenzjal tal-inizjattiva Ċiberunità Konġunta li tikkomplementa dawn il-mekkaniżmi billi tiegħu approċċ pass pass. JISĦAQ li proċess inkrementali, trasparenti u inklużiv huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-fiduċja u, għalhekk, kritiku għall-iżvilupp ulterjuri ta' qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà. Dan il-proċess għandu jirrispetta r-rwoli, il-kompetenzi u l-mandati eżistenti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll il-prinċipji mniżżla f'dawn il-konklużjonijiet, inkluż il-proporzjonalità, is-sussidjarjetà, l-inklużività, il-komplementarjetà, in-nonduplikazzjoni, u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. JISĦAQ, fl-istess ħin, li kwalunkwe parteċipazzjoni possibbli mill-Istati Membri f'Ċiberunità Konġunta potenzjali, jew kwalunkwe kontribut possibbli tagħhom lejha, hija ta' natura volontarja.

¹³ C(2021)4520 final (11155/21 u 11155/21 ADD1).

20. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġu stabbiliti metodi ta' ħidma u governanza adegwati, bil-ħsieb li jippermettu l-involvement u l-partekippazzjoni tal-Istati Membri kollha fid-deliberazzjonijiet, l-iżvilupp u l-proċessi effettivi ta' teħid ta' deċizzjonijiet dwar il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, inkluż dwar l-inizjattiva potenzjali taċ-Ċiberunità Konġunta. JAPPELLA li jiġu rrispettati l-prerogattivi tal-Kunsill skont it-Trattati u l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali.
21. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu identifikati u involuti l-komunitajiet ċibernetiċi rilevanti kollha fl-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jitqiesu r-rwoli u r-responsabbiltajiet differenti tagħhom f'tipi differenti ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. JISSOTTOLINJA r-rwol strumentali tal-Kunsill, b'mod partikolari permezz tal-HWPCI, fil-funzjoni tat-tfassil tal-politika u tal-koordinazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà. JISTIEDEN, għalhekk, lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-INTCEN tal-UE, lis-CERT-UE, lill-ENISA, lill-Europol (EC3), lill-Eurojust (EJCN), liċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC), kif ukoll lil rappreżentanti min-*Network* tas-CSIRTs, is-CyCLONe, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, l-EDA, u l-proġetti PESCO rilevanti, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati possibbli oħra, biex jinvolvu ruħhom f'dan il-proċess. L-idea ta' grupp ta' ħidma possibbli, kif propost fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, tista' tiġi esplorata aktar, billi tiġi żgurata rappreżentanza adegwata tal-Istati Membri kollha u filwaqt li l-grupp jaġixxi taħt il-gwida politika tal-Kunsill, biex iservi bħala forum temporanju li jiġbor flimkien rappreżentanti tal-komunitajiet ċibernetiċi rilevanti kollha fl-Istati Membri u fl-UE. Tali grupp ta' ħidma għandu jirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tiegħu u jippreżenta suġġerimenti possibbli lill-Kunsill għal diskussjoni, approvazzjoni u gwida ulterjuri. Barra minn hekk, jistgħu jiġu stabbiliti forum oħra ta' djalogu fi ħdan il-komunitajiet u bejniethom, inkluż permezz ta' workshops, seminars, u taħriġ u eżerċizzji konġunti.

22. JISSOTTOLINJA r-rwol taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC) u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fir-rigward taċ-Ċiberunità Konġunta potenzjali, speċjalment meta jitqies ir-rwol tiegħu li jżid b'mod sostanzjali l-kapaċitajiet teknoloġiċi u s-soluzzjonijiet, l-abbiltajiet u l-ħiliet teknoloġiċi tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà.
23. JISTIEDEN lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp ulterjuri tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, inkluż billi jesploraw il-potenzjal ta' inizjattiva ta' Ċiberunità Konġunta, billi jistabbilixxu u jiddefinixxu l-proċess, inkluż l-istadji importanti u skeda ta' żmien, kif ukoll jiċċaraw l-għanijiet u r-rwoli u r-responsabbiltajiet possibbli. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu kkonsolidati, bħala kwistjoni ta' prijetà, in-networks u l-interazzjonijiet eżistenti fi ħdan kull komunità, kif ukoll li jiġi stabbilit immappjar bir-reqqa tal-lakuni u l-ħtiġijiet possibbli b'rabta mal-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan u bejn il-komunitajiet ċibernetiċi u anke fi ħdan u bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej, u sussegwentement jintlaħaq qbil dwar l-oġettivi u l-prijoritajiet primarji possibbli ta' Ċiberunità Konġunta potenzjali. Mingħajr ma jiġi ppreġudikat l-eżitu, JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jkun hemm fokus fuq l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet marbuta mal-kondiviżjoni tal-informazzjoni sabiex jinbena għarfien komuni tas-sitwazzjoni fost il-komunitajiet rilevanti kollha. Fl-identifikazzjoni ta' lakuni u ħtiġijiet possibbli b'rabta mal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inkluż l-użu possibbli ta' pjattaformi virtwali, għandha tkompli tingħata l-attenzjoni dovuta lil kanali ta' komunikazzjoni siguri għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u sensittiva, filwaqt li TIĠI ENFASIZZATA l-importanza li tintuża l-infrastruttura diġà eżistenti. L-introduzzjoni ta' approċċ gradwali hija maħsuba biex jinbnew il-fiduċja u bażi għal passi ulterjuri possibbli relatati mat-titjib fit-tħejjija u l-kooperazzjoni operazzjonali. JIRRIKONOXXI li oġettivi differenti jistgħu jirrikjedu soluzzjonijiet differenti u l-involvement ta' sett differenti ta' rappreżentanti mill-komunitajiet ċibernetiċi rilevanti fi ħdan l-UE u l-Istati Membri tagħha.

24. JAPPELLA biex tkompli tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' bażi legali għal Ċiberunità Konġunta potenzjali matul il-proċess kollu, inkluż valutazzjoni tal-kompiti u r-rwoli vis-à-vis dawk assenjati lill-ENISA fir-Rakkomandazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019. JAPPELLA għal aktar riflessjoni dwar elementi individwali tar-Rakkomandazzjoni dwar iċ-Ċiberunità Konġunta, inkluż fir-rigward tal-idea tat-Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku tal-UE, u l-Pjan ta' Rispons għall-Inċidenti u l-Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà tal-UE. JENFASIZZA li Ċiberunità Konġunta potenzjali trid tirrispetta l-kompetenzi, il-mandati u s-setgħat legali tal-parteċipanti futuri possibbli tagħha.
25. JISTIEDEN lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jikkunsidraw il-potenzjal ta' inizzjattiva ta' Ċiberunità Konġunta, anke mill-perspettiva tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE sabiex jiġu kkomplementati l-isforzi li għaddejjin fil-livell tal-Istati Membri. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE permezz tal-Proposta imminenti tagħha għal Regolament dwar regoli vinkolanti komuni dwar iċ-ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE.
26. Biex jikkonkludi, ITENNI l-impenn tiegħu biex isaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika u jkompli jiżviluppa l-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà u SER JIMMONITORJA l-progress B'MOD REGOLARI u jipprovdi aktar gwida biex jiġi kkomplementat il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà.
-